**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON

**Illum il-Hamis 31 ta` Ottubru 2017**

**Rik. Gur. Nru. 351/2012 JZM**

**Wilfred Longden (detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 18460A)**

***u***

**b`digriet tad-29 ta` Awissu 2017 l-atti bhala attur gew trasfuzi fil-persuna ta` Rita Longden (ID : 0570258M) wara li zewgha l-attur Wilfred Longden (KI No : 18460A) miet fil-mori tal-kawza**

***kontra***

**Logserv Co. Ltd (bin-numru tar-registrazzjoni C49901)**

***u***

**l-bastiment M.V. Lebda**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat li kien ipprezentat bil-procedura sommarja specjali fit-<u>3 ta` April 2012</u> li jaqra hekk :-

*1. Illi r-rikorrenti kien impjegat mis-socjeta` ntimata Logserv Co Ltd. fil-kapacita` tieghu bhala kaptan tal-bastiment li ggib l-isem M.V. LEBDA bin-numru tal-IMO 7310648, Call Sign SAKZ u registrat ir-registru tal-bastimenti Libjan ;*

*2. Illi s-socjeta` ntimata naqset milli thallas lir-rikorrent l-ammont ta` tmienja u ghoxrin elf Euro (€28,000) rappresentanti s-salarju tieghu ta` tmien (8) xhur ghax-xoghol li sar fuq l-M.V. LEBDA u dan minkejja diversi talbiet li saru da parte tar-rikorrent ghall-hlas imsemmi;*

*3. Illi apparti l-ammont fuq imsemmi, is-socjeta` ntimata naqset ukoll thallas lir-rikorrent l-ammont ta` elf hames mija erbgha u sittin Euro u ghoxrin centezmu (€1,564.28) kif obbligata bhala impjegata rapprezentanti spejjez ghall-attenzjoni mediku, akkomodazzjoni u spejjez ohra li thallsu mir-rikorrent waqt ix-xoghol tieghu ghas-socjeta` ntimata fl-Eritrea (ara Dok B sa Dok E).*

*4. Illi ghalhekk is-socjeta` Logserv Co. Ltd. hija debitrici tar-rikorrent Wilfred Longden ghas-somma ta` disgha u ghoxrin elf, hames mija, erbgha u sittin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€29,563.28) skont il-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

*5. Illi s-somma surriferita hija certa, likwida u dovuta.*

*6. Illi fl-14 ta` Marzu 2012, ir-rikorrent talab il-hrug ta` mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar `il fuq minn ghaxar metri (kawtelatorju) ghall-ammont hekk dovut ta` disgha u ghoxrin elf, hames mija, erbgha u sittin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€29,563.28) kontra l-bastiment ntimat M.V. LEBDA (Mandat Numru 340/12 GC) waqt illi dan kien jinsab Malta sabiex jikkawtela l-interessi tieghu kontra l-istess bastiment, liema mandat kawtelatorju gie milqugh mill-istess Onorabbli Qorti fl-istess jum (kopja tal-Mandat anness u mmarkat bhala Dok WL1).*

*7. Illi minkejja l-hrug tal-mandat surreferit l-intimati naqsu milli jhallsu l-ammont ta` disgha u ghoxrin elf, hames mija, erbgha u sittin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€29,563.28).*

*8. Illi t-talbiet tar-rikorrent jinkwadraw ruhhom taht l-Artikolu 50(h) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 234 tal-Ligijiet ta` Malta) bhala privilegg specjali fuq il-bastiment u jikkwalifikaw inoltre bhala talbiet "in rem" kontra l-bastiment skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu*

*742B(r) tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*9. Illi l-attur ghandu interess illi din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*10. Illi safejn jaf ir-rikorrent, l-intimati m`ghandhomx eccezzjonijiet x`jaghtu kontra t-talbiet tieghu.*

*11. Illi r-rikorrent jaf personalment b`dawn il-fatti u qieghed jikkonfermahom bil-gurament tieghu.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha :*

*1. Tordna li din il-kawza tigi deciza bid-dispensa mis-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*2. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrent Wilfred Longden fl-ammont ta` disgha u ghoxrin elf, hames mija, erbgha u sittin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€29,563.28) in kwantu ghal tmienja u ghoxrin elf Euro (€28,000) salarju ta` tmien (8) xhur ghax-xoghol li sar fuq l-M.V. LEBDA u in kwantu ghal elf hames mija erbgha u sittin Euro u ghoxrin centezmu (€1,564.28) spejjez ghall-attenzjoni mediku, akkomodazzjoni u spejjez ohra li thallsu mir-rikorrent waqt ix-xoghol tieghu ghas-socjeta` ntimata fl-Eritrea, liema ammont huwa cert likwidu u dovut.*

*3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti jhallsu l-ammont ta` disgha u ghoxrin elf, hames mija, erbgha u sittin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€29,563.28) liema ammont huwa cert, likwidu u dovut.*

*4. Bl-ispejjez inkluzi dawk relatati mal-hrug tal-Mandat ta` Arrest ta` Bcejjec tal-Bahar `il fuq minn ghaxar membri (kawtelatorju) [Mandat Numru 340/12 GC) premess.*

*L-intimat huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

*B`riserva ta` kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrent naxxenti mill-fatti premessi f`dan ir-rikors guramentat.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti,.

**Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta` Mejju 2012 (fol 19) quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn ir-rikorrent irtira l-ewwel talba.**

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw iz-zewg konvenuti (fol 20) fil-15 ta` Gunju 2012 fejn kien eccepit hekk :

*1. Illi preliminarjament jinghad illi r-rikorrenti ma offriex is-servizzi tieghu fuq il-bastiment ntimat izda fuq bastiment iehor.*

*2. Illi fil-mertu l-esponenti jammeti li ghad fadallu ihallas bilanc ta` sitt elef Euro (€6000) lir-rikorrenti u dawn ma thallsux minhabba disgwid li nqala` bejn il-kontendenti u ghaliex l-istess rikorrenti ma kienx disponibbli.*

*3. Illi l-kumplament tat-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-drit u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante illi r-rikorrenti thallas ghas-servizzi li ppresta fl-ammont ta` wiehed u ghoxrin elf Euro (€21,000) kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi b`ordni tal-Onor. Prim` Imhallef tal-20 ta` Jannar 2014, din il-kawza kienet assenjata sabiex tkompli tinstema` u tigi deciza minn din il-Qorti kif presjeduta.

Rat id-digriet illi tat fl-udjenza tad-19 ta` Mejju 2014 (fol 115-116) fejn akkordat lill-bastiment konvenut zmien ghoxrin (20) jum sabiex jipprezenta risposta ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata <u>ulterjuri</u> li pprezentat Dr Ann Fenech ghan-nom u in rappresentanza tal-bastiment konvenut fis-<u>6 ta` Gunju 2014</u> u li taqra hekk :-

*1. Il-bastiment LEBDA jappartjeni lis-socjeta` Libjana Al Karri for Marine Fishing and Investment Company SA li tappartjeni lill-Istat Libjan u li waqt ir-rewwixta fil-Libja dan il-bastiment insteraq u kien biss xhur twal wara li s-sidien sabuh Malta u kien gja soggett ghall-mandat ta` arrest u intimate f`dawn il-proceduri. Dokumenti li juru l-provenjenza tat-titolu ta` Al Karri for Marine Fishing and Investment Company SA u l-Istat Libjan gja gew esebiti u jinsabu fil-process immarkati AF1, AF2, AF3, AF4, AF5, AF6 u AF7.*

*2. Illi s-sidien tal-bastiment fl-ebda hin jew moment ma ingaggat jew impjegat lill-attur f`din il-kawza sabiex dan jahdem fuq il-bastiment LEBDA, illi ma jezisti ebda kuntrat ta` impieg bejn is-sidien tal-bastimebnt u r-rikorrent, jew rappresentanti tal-bastiment u r-rikorrent u ghalhekk il-bastiment konvenut LEBDA ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur , ma huwiex il-legitimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*3. Illi s-sidien tal-bastiment fl-ebda hin jew mument ma ingaggaw ebda persuna ohra sabiex tappresenta lilhom jew lill-bastiment sabiex ihaddem jew jimpjega lir-rikorrent, u aktar u aktar fl-ebda mument ma qabdet lis-socjeta` Logserve Co Ltd sabiex din timpjega ebda katan jew membru tal-ekwipagg inkluz ir-rikorrent f`din il-kawza u ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u l-bastiment LEBDA ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*4. Illi la s-sidien tal-bastiment u lanqas il-bastiment innifsu ma ghandhom jew ghandu ebda konnessjoni mas-socjeta` Logserv Co Ltd u ghalhekk din bl-ebda mod ma setghet jew tista` torbot lis-sidien tal-bastiment jew lill-bastiment innifsu. Ghalhekk jekk is-socjeta` Logserve Co Ltd impjegat lir-rikorrent kif qed jigi allegat mir-rikorrent din ma setghet qatt torbot lill-bastiment li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex mhux il-legittimu kontradittur.*

*5. Illi l-fatt li din il-qorti ghandha gurisdizzjoni li tisma` kawza li giet intavolata kontra l-bastiment LEBDA ai termini tal-Artikolu 742(b) u l-fatt li ai termini tal-Art 50(h) pagi ta` membri tal-ekwipagg ta` bastiment huma privileggjati ma jfissirx li l-bastiment huwa awtomatikament responsabbli ghall-hlas ; anzi fic-cirkostanzi odjerni fejn ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-bastiment u r-rikorrent, din il-*

*qorti ghandha tillibera lill-bastiment intimate mill-osservanza tal-guidizzju ghaliex il-bastiment intimate mhux il-legitimu kontraditur u t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher mid-dikjarazzjoni tal-attur stess li l-attur kien impjegat fuq il-bastiment JOSAN li ma ghandu x`jaqsam xejn mal-bastiment LEBDA u ghalhekk il-bastiment LEBDA zgur mhux responsabbli ghal dak is-salarju li allegatament ma thallasx waqt li kien fuq il-bastiment JOSAN.*

*7. Illi jidher ukoll li kien waqt li kien fuq il-bastiment JOSAN li l-attur marad u kellu bzonn xi kura u li ghalhekk il-bastiment LEBDA ma jista` qatt ikun responsabli ghal dawn l-ammonti l-ohra mitluba minnu waqt li l-attur kien qed jahdem fuq bastiment iehor il-JOSAN.*

Rat il-lista tax-xhieda u tad-dokumenti.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat id-digriet illi tat fl-udjenza tat-28 ta` Marzu 2017 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet kollha.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**L-attur ipprezenta l-ewwel xiehda tieghu b`affidavit bl-Ingliz.**

**Fil-qosor** huwa xehed illi f`Dicembru 2010 huwa beda l-impieg tieghu mas-socjeta` konvenuta ("**Logserv**") bhala *master* (kaptan) ghal zmien indefinit. Il-mansjoni tieghu kellha tkun abbord bastimenti ta` Logserv. Kien miftiehem salarju ta` €3,500 fix-xahar pagabbli b'lura.

Stqarr illi bejn Dicembru 2010 u Gunju 2011, kien inkarigat minn Logserv sabiex jahdem fuq il-bastiment JOSAN bi vjagg minn Malta lejn l-Eritrea. Fil-15 ta' Gunju 2011, marad waqt li kien l-Eritrea u kellu jidhol l-isptar. Qaghad il-Lukanda Asmara Palace go l-Asmara u hallas l-ammont ta' € 463.28 (Dok D).

Kompla jixhed illi fit-18 ta' Gunju 2011, meta kien ghadu l-Eritrea kien mitlub minn wiehed mill-impjegati ta` Logserv biex jaghtih €100 biex ikunu jistghu jixtru ikel ghall-ekwipagg. U hekk ghamel.

Meta wasal Malta fl-24 ta' Gunju 2011, mar l-Isptar St. James ghal kura u hallas €1,001. Waqt li kien qed jirkupra, u waqt li kien ghadu mpjegat tas-socjeta` ntimata, kien mitlub minn Paul Attard ta` Logserv sabiex bhala kaptan jeffettwa numru ta' vjaggi bil-bastiment LEBDA lejn numru ta' pajjizi, fosthom il-Libja u Cipru. L-ahhar vjagg fuq il-LEBDA kien fil-25 ta' Dicembru 2011, meta l-bastiment wasal lura Malta.

Xehed illi fiz-zmien ta` bejn l-1 ta' Gunju 2011 u l-25 ta' Dicembru 2011, Logserv naqset milli thallsu r-rimunerazzjoni li kellu jithallas ta` kull xahar. Mis-26 ta' Dicembru 2011 sal-14 ta' Marzu 2012, il-bastiment LEBDA kien ibbazat Malta, u bhala parti mill-obbligi tieghu bhala kaptan ta' dan l-bastiment, kien imur abbord kuljum. Matul dan l-perijodu Paul Attard ghal Logserv kien iweghdu li se jhallsu s-salarju izda dan baqa` qatt ma wasal. Ghalhekk baqa` ma thallasx l-ammont ta` €28,000 ghaz-zmien ta` bejn l-1 ta' Gunju 2011 u l-14 ta` Marzu 2012.

Fisser illi ghalkemm ghamel varji talbiet sabiex jithallas s-salarju u l-ispejjez li kellu jgarrab, huwa qatt ma thallas u kien ghalhekk li pprezenta l-mandat li ghalih hemm riferenza fir-rikors guramentat. Il-mandat sar ghall-figura ta` €29,564.28.

**L-attur ipprezenta affidavit iehor.**

Stqarr illi fl-2005 kien qed ifittex impjieg, u habib tieghu certu Ian Walker li dak z-zmien kien *chief engineer* fuq l-bastiment ELENOR TR (li wara bidel l-isem ghal JOSAN) kien qallu biex imur fuq dan il-bastiment u jkellem lil Paul Attard. Dan Attard kien qallu li kien s-sid tal-bastiment u kien offrilu immedjatament impjieg bhala kaptan b'salarju ta' € 3000 fix-xahar. Dik kienet l-ewwel darba li kien ltaqa ma' Paul Attard. Minn dan l-ewwel impjieg sal-ahhar wiehed fuq il-LEBDA huwa qatt ma kellu kuntratt bil-miktub ta' impjieg. Kull ma rcieva minghand Attard kienu

ricevuti ghas-salarji. Huwa hadem ghal Attard bejn l-2005 u l-2009, l-aktar fuq il-bastiment JOSAN, u matul dan iz-zmien kien ibbazat Malta.

Fisser illi f`April 2009, Paul Attard baghat ghalih l-ufficcju u qallu li kien se jaghlaq in-negozju. Sa dak iz-zmien kellu jaghtih €6,000 bhala arretrati ta' salarji, liema ammont baqa` ma thallasx.

Stqarr illi wara kien offrut impieg iehor ma` haddiehor fl-Angola b`salarju akbar u ghalhekk ma baqax jahdem ma` Attard.

Spjega illi meta kien ghadu mpjegat ma` haddiehor, kull darba li kien jigi Malta, Paul Attard kien jaghmel kuntatt mieghu sabiex jerga` jibda jahdem mieghu.

Qal illi Novembru 2010 qaghad fuq li qallu Attard, telaq ix-xoghol li kellu l-Angelo u rega` beda jahdem ma` Attard ghal €3,500 fix-xahar. Dak iz-zmien hkien il-kaptan tal-JOSAN. F`Dicembru 2010, kien inkarigat jiehu l-bastiment l-Eritrea u kellu jibqa` bbazat hemmhekk. Telaq minn Malta fuq il-JOSAN li kellu ekwipagg Malti. Dan l-ekwipagg kien l-istess wiehed li mbaghad kien impjegat fuq il-LEBDA.

Spjega illi Gunju 2011, meta kien Malta, sar jaf li l-bastiment JOSAN kien gie arrestat l-Eritrea mill-Gvern ta` dak il-pajjiz minhabba dejn li kellu Attard ma` dak il-Gvern.

Stqarr illi wara li rkupra minn sahtu, huwa kien inkarigat minn Attard sabiex jahdem fuq il-LEBDA. Jiftakar li Attard kien qallu li kien akkwista dak il-bastiment minghand certu O' Connor. Il-bastiment ma kienx fi stat tajjeb, izda xorta wahda hadem fuqu.

Spjega illi dak z-zmien il-bastiment kien bbazat Malta u sa Dicembru 2011, kien mar tlett darbiet l-Libja b'dak il-bastiment u darba Cipru. Matul l-impjieg tieghu dejjem baqa f`kuntatt ma' Attard u minghandu kien jiehu struzzjonijiet. Jaf illi l-LEBDA kien registrat taht il-bandiera tal-Libja.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, xehed illi d-dokumenti fuq il-LEBDA kienu juru li l-bastiment kien ta` Logserv. Ladarba Logserv kienet debitrici tieghu, huwa ha hsieb jaqbad il-LEBDA li kienet propjeta` ta` Logserv. Mistoqsi mill-qorti fil-konfront ta' min qed jaghmel t-talba kif dedotta fil-kawza tal-

lum, huwa wiegeb li l-kawza saret kontra Logserv ghax kien din illi ma hallsitux. Huwa beda jahdem fuq il-LEBDA qabel Settembru 2011.

Mistoqsi mill-qorti jekk t-talba tieghu kenitx dwar salarju li ma kienx thallas ghal servizz li rrenda fuq il-bastiment JOSAN jew jekk kienx ukoll ghal servizzi fuq bastimenti ohra, l-attur wiegeb illi kienu servigi resi fuq il-bastimebnt JOSAN.

Muri dokument 201, li huwa *port clearance* li juri li fl-10 ta' Dicembru, il-LEBDA kien sejjer Benghazi, xehed illi fil-fatt kienu marru Cipru. Muri fejn hemm illi telaq minn Malta fit-8 ta' Settembru u rritorna fl-10 ta' Settembru, u mistoqsi jekk huwiex cert li marru l-Libja, wiegeb illi probabilment ma kienux marru l-Libja. Qal dan ghaliex bastiment bhal LEBDA ma jistax jaqsam minn Malta ghal-Libja f`jum u nofs. Ghalkemm kien hemm miktub li l-bastiment mar il-Libja dan ifisser illi jkunu marru *offshore* biex jigbru zejt sebghin mil `il barra mil-Libja.

Stqarr illi fl-ammont li kien qed jitlob fil-kawza tal-lum, inkluda s-€6,000 li baqa` ma thallasx mill-ewwel impieg li kellu ma` Logserv propju ghaliex baqa` ma thallasx dawk il-flus li kienu dovuti lilu. Bil-kawza tal-lum kien qed jitlob il-hlas ta` flus ghal xoghol li ghamel kemm fuq il-JOSAN kif ukoll fuq il-LEBDA, ghalkemm l-attur jixhed ukoll illi l-flus kienu ghal xoghol fuq il-LEBDA biss.

Mistoqsi ghal liema xhur kien qed jitlob il-hlas tal-pagi, l-attur wiegeb illi kien ghaz-zmien ta` bejn Gunju 2011 u Marzu 2012.

Mistoqsi jekk il-ftehim ma' Paul Attard kienx illi jithallas biss meta jaghmel vjagg bil-bastiment, l-attur wiegeb illi l-ftehim kien illi jithallas paga kull xahar : kemm jekk ikun qed jivvjagga kemm jekk le.

**Av. Robert Vassallo** – Legislation and Compiance Manager – Transport Malta – xehed illi l-bastiment LEBDA huwa arrestat ghax kolpit b`mandat ta` arrest. L-ahhar li dahal Malta kien fil-25 ta' Dicembru 2011 provenjenti mil-Libja u baqa` Malta. L-agent tal-vapur hija Malta Shipping Limited.

**David Bonello** xehed li huwa hadem bhala bahri. Jiftakar li hadem fuq il-bastiment LEBDA madwar sentejn qabel xehed quddiem il-qorti.

Stqarr illi kienet Logserv (li hija ta' Paul Attard) li kienet inkarikatu. Paul Attard (li jigi z-ziju tieghu) kien ihallsu. Ma kellux kuntratt ta' impjieg. L-attur kien kaptan tal-LEBDA. Bhala ekwipagg kienu madwar hamsa jew sitta min-nies. Kien bastiment tas-sajd u kienu jistadu barra l-ibhra Maltin. Ma jidhirlux li qatt marru l-Libja.

Ikkonferma li hadem ukoll fuq il-bastiment JOSAN meta l-attur kien il-kaptan. Ftakar li l-attur ghamel zmien ma jiflahx pero` ma setax jiftakar aktar.

**<u>Joseph Abela</u>**, mid-Dipartiment tad-Dwana, xehed illi bhala procedura, ma` kull wasla Malta, bastiment jinghata numru mid-Dwana. Meta l-bastiment jigi biex jitlaq minn Malta, isir uzu tal-istess numru.

Dwar il-bastiment tas-sajd LEBDA, xehed illi fl-2010 u 2012, ma jirrizultax li kien hemm movement ta` dan il-bastiment. Fl-2011, irrizulta 11-il movement : sitt (6) wasliet Malta u hames (5) tluq minn Malta.

Mit-taghrif li ghandha d-Dwana, kien biss f`Dicembru 2011 li l-LEBDA salpa oltre l-ibhra territorjali ta` Malta. Fejn mar f`dik l-okkazjoni, ma jirrizultax.

**<u>Paul Attard</u>** xehed illi huwa s-sid u direttur ta` Logserv. Il-bastiment LEBDA kien *chartered* ma` Logserv izda la Logserv u lanqas hu ma huma s-sidien tal-bastiment.

Fisser illi ma kienx hemm *charter party agreement* ghaliex il-bastiment kien dahal Malta, huwa hallas xi pagament u l-bastiment thalla ghandu. Ghalkemm huwa ghandu dokumentazzjoni fejn jidher li l-bastiment huwa registrat fuqu, jirrizulta li hemm zewg registrazzjonijiet u li m'ghandux l-proprjeta tieghu ghalkemm kien hallas sabiex jixtrih. Ma kienx hemm *bill of sale*.

Stqarr illi l-attur kien impjegat tieghu u li kien hadem fuq numru ta' bastimenti, fosthom JOSAN u LEBDA. Mhux jichad illi l-attur ghandu jiehu l-flus minghandu. Kull min kien hadem mieghu fuq il-progett, li minhabba fih huwa falla, rega` beda jahdem mieghu u qed jithallas. Huwa kien laqqa` lil kulhadd u staqsa lil kulhadd riedux jahdmu mieghu. Kulhadd accetta hlief l-attur.

Ikkonferma li Logserv ghandha taghti lill-attur is-somma ta` €6,000 ghalkemm dawn il-flus baqghu ma gewx offruti lill-attur u lanqas kienu depozitati taht l-Awtorita tal-Qorti.

Kompla jixhed illi huwa ma kellux kuntratt ta' impjieg mal-ekwipagg.

Ghalkemm ighid li ma jiftakarx kemm kienet l-paga tal-kaptan, meta mistoqsi jekk setghetx kienet ta` €3,500 fix-xahar, xehed illi normalment dik hija l-paga li jiehu kaptan.

Stqarr illi huwa kaptan ukoll izda qatt ma hadem fuq il-LEBDA.

Muri d-dokumenti li kienu esebiti mir-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana, mnejn jirrizulta li huwa kien il-kaptan tal-LEBDA, wiegeb illi d-dokument tad-Dwana kien zbaljat. Seta` kien indikat hekk ghaliex dik kienet l-ewwel darba li l-LEBDA dahal Malta. Huma kienu telghu abbord tnax-il mil barra minn Malta, u dahlu Malta; kien forsi ghalhekk li hu kien immarkat bhala l-kaptan.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, meta mistoqsi jekk l-kaptan kienx jithallas tal-ispejjez minbarra l-paga, xehed illi ma kienx jithallas tal-ispejjez ghaliex kien joqghod fuq l-bastiment. Meta huwa kien il-kaptan tal-bastiment ma kellux bzonn jallogja fl-lukanda. Dwar l-ispejjez li qed jitlob l-attur , stqarr illi dawk ma kellhomx x'jaqsmu ma' meta l-attur kien impjegat bhala kaptan fuq LEBDA. Dawn l-ispejjez kienu relatati ma` meta l-attur kien il-kaptan ta` JOSAN in konnessjoni mal-progett ta' l-Eritrea. Ighid illi hemm huwa tilef zewg vapuri u madwar €2.5 miljun.

Mistoqsi mill-qorti jekk r-rikorrent kienx mar l-Eritrea, Attard wiegeb fin-negattiv.

Dwar l-ispejjez tal-isptar, stqar illi l-attur ma kienx wegga` fuq ix-xoghol ; ghalhekk ma kienux dovuti minn Logserv.

Sahaq illi LEBDA kien *chartered* ghaliex huwa kien hallas biss mill-prezz tal-bastiment.

Muri c-certifikat ta' registrazzjoni a fol 68, stqarr illi meta akkwista l-bastiment halla l-LEBDA fuq ir-registrazzjoni tal-Libja.

Qal illi huwa kellu certifikat ta' registrazzjoni iehor qabel dak esebit fil-process, mahrug mill-awtorita proprja tal-Libja, ghaliex l-awtorita li harget c-certifikat a fol 68 ma kenitx rikonoxxjuta mill-Gvern tal-Libja.

Muri d-dokument a fol 202, rega` nsista li dak id-dokument juri illi l-ewwel darba li LEBDA dahal Malta kien fit-3 ta' Settembru 2011, u li qabel dik l-attur ma kienx ghadu mpjegat bhala kaptan tal-bastiment.

**Fabian Cardona** xehed illi huwa l-accountant ta` Logserv.

Stqarr illi bejn nofs Dicembru 2010 u Gunju 2011, kien jahdem *part-time* mas-socjeta ntimata.

Ighid illi darba fix-xahar kien ihejji l-pagi tal-ekwipagg inkluz tal-attur, li dak z-zmien kien qieghed l-Eritrea.

Qal illi darba fix-xahar kienet tmur l-mara tieghu ghandhom u tigbor c-cheque. Kienet tiffirma li hadet c-cheque tal-paga.

Fisser illi mir-ricerki li ghamel, huwa sab illi bejn Dicembru 2010 u Gunju 2011, l-attur ha seba` (7) pagi mensili ta' € 3,500 kull wahda, jigifieri total ta` €24,500. Ipprezenta sitt (6) dokumenti li juru dawn l-pagamenti u spjega li ghalkemm id-dokument relattiv ghax-xahar ta` Mejju 201 huwa nieqes, iikkonferma li l-hlas kien sar.

Qal illi l-attur kien responsabbli ghal bastiment u dan kien il-JOSAN.

Qal illi l-attur ircieva dawk il-hlasijiet ghaliex kien impjegat ta` Logserv.

**Josette Zammit** – PA tas-CEO ta` Logserv – ipprezentat dokumenti li huma relatati mal-impjieg tal-attur (Dok JZ1), ghalkemm sabet l-ebda kuntratt ta` impieg bil-miktub.

Fil-**kontroezami**, xehdet illi hija tigi oht Paul Attard.

Stqarret illi l-attur kien impjegat biex jaghmel dak li jkun hemm bzonn. Kien impjegat ghal zmien definit mhux ghal vjaggi partikolari.

Dwar id-dokument li pprezentat, fejn jinghad illi wara l-25 ta' Dicembru 2011 is-servizz tal-attur ma kienx aktar mehtieg fuq il-LEBDA, xehdet illi Logserv kienet avzat b`dan lill-attur bil-fomm.

Dwar in-nota li tghid illi : "*… still owed a balance of 6,000 on the above mentioned trips …*" stqarret illi dawk kienu flus li kienu ghadhom dovuti lill-attur saz-zmien meta ntemm l-impieg tieghu.

**Abugiala AG Abugiala pprezenta affidavit.**

Xehed illi huwa membru tal-Armata tal-Libja. U kien qed jokkupa l-posizzjoni ta' *military attaché* fil-ambaxxata Libjana gewwa Malta.

Qal illi skont policy tal-2009 tal-Gvern Libjan in-numru ta' bastimenti tal-forza navali Libjana li kienu jaghtu provvisti lill-bastimenti tal-forzi navali kellhom jizdiedu fin-numru.

Ghalhekk bis-sahha ta` resoluzzjoni nru 195/2009, il-propjeta` tas-socjeta` Al Karri Company of Libya Limited ghaddiet ghand il-Forzi Armati Libjani. Il-bastiment LEBDA kien proprjeta ta' din s-socjeta`. Billi LEBDA kien bastiment tas-sajd, l-awtoritajiet Libjani hadu decizjoni li l-uzu kellu jibqa` billi jipprovdi hut u provvisti ohra lill-forzi Armati Libjani. Il-licenza ta' l-vapur bhala bastiment tas-sajd baqghet tiggedded kull sena skont l-ligi Libjana.

Kompla jixhed illi meta saret ir-rivoluzzjoni fil-Libja fi Frar 2011, l-awtorizzazzjoni ufficjali sabiex LEBDA jintuza ghall-beneficcju tal-Forzi Navali Libjani ma kenitx ghadha harget. Wara l-waqa` tar-regim precedenti fix-xahar ta` Ottubru 2011, ghaddew numru ta' xhur qabel kien appuntat il-Gvern Provvizorju fl-2012.

Fis-7 ta' April 2012, il-Ministru tad-Difiza hareg risoluzzjoni nru 60/2012 li biha l-Forzi Armati Libjani (inkluz il-qawwa navali) kellhom jigu trasferiti lil dak il-Ministeru. Billi l-qawwa navali kellha bzonn ta`

aktar bastimenti, kien deciz illi EBDA kellha taghmel parti mill-qawwa navali.

Kompla jixhed illi meta giet biex titwettaq ir-rizoluzzjoni, LEBDA ma setax jigi rintraccjat. Fil-bidu tal-2013, l-awtoritajiet Libjani sabu li LEBDA kien safa` misruq waqt ir-rivoluzzjoni u spicca Malta. Bhala segwitu saru jaf bil-kawza tal-lum u bil-procedura tal-arrest. L-awtoritajiet Libjani baghtu nies Malta sabiex jiksbu r-rilaxx ta` LEBDA. rilaxxat.

Stqarr illi l-Istat Libjan huwa s-sid ta` LEBDA. L-Istat Libjan ma kienx il-principal tal-attur.

**Fil-kontroezami**, meta mistoqsi jekk kienux ghamlu proceduri sabiex jiehdu l-vapur lura, xehed fin-negattiv ghaliex il-bastiment kien kolpit bil-mandat ta` arrest.

Xehed illi l-Gvern Libjan induna li l-vapur kien nieqes fl-2013.

Muri c-certifikat a fol 171 iikkonferma li dak huwa dokument ufficjali mahrug mill-Gvern Libjan u hareg f`Mejju 2013. Mistoqsi jekk allura sid l-bastiment huwiex Al Qaari Fishing Company, wiegeb li dak huwa isem l-kumpannija, li wara saret tal-Ministeru tad-Difiza.

## III. Sottomissjonijiet bil-miktub

### 1. L-attur

L-attur ighid illi - kif intavolata – din tal-lum hija azzjoni *in rem* ai termini tal-Art 50(h) tal-Kap 234 u skont l-Art 742B (r), (g) u (s) tal-Kap 12.

Jinghad illi l-azzjonijiet *in rem* u *in personam* m'ghandhomx jippregudikaw lil xulxin u ghalhekk dawn jistghu jsiru flimkien. Issir riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta` Novembru 2007 fil-kawza: **Av. Dr. Max Ganado noe vs Kaptan Pizzimenti noe.**

L-attur jaghmel riassunt tal-fatti u jfisser ghaliex l-ammont pretiz huwa dovut.

Skont l-attur, fil-kors tal-kawza, irrizultaw diversi inkonsistenzi fli qalet Logserv.

Isemmi l-kontradizzjoni li fil-fehma tieghu kien hemm fl-eccezzjonijiet ghaliex minn naha l-wahda Logserv tghid illi l-attur ma kienx joffri s-servizzi tieghu, imbaghad tghid li hadem maghha kemm fuq il-LEBDA kif ukoll fuq bastiment ohra.

Kontradizzjoni ohra li jaccenna ghaliha hija li minn naha wahda Logserv tghid illi ghandha taghti lill-attur l-ammont ta` €6,000, imbaghad tghid li l-attur ghandu jiehu ta` erba` (4) vjaggi bil-LEBDA.

Skont ir-rikorrent, fil-kawza tal-lum, jirrizultaw ir-rekwiziti kollha sabiex il-Qorti jkollha gurisdizzjoni *in rem* kontra l-bastiment LEBDA.

Irrizulta nfatti li LEBDA kien kolpit b`mandat ta` arrest u ghadu Malta precizament fil-Cassar Shipyard tal-Marsa.

Skont l-attur, ghax huwa hekk, il-mertu jaqa` fil-kategorija prevista mil-ligi bhala *cause of action* fis-sens illi :-

a) Hemm pretensjoni ta` kaptan ta` bastiment ghas-salarji u flejjes ohra dovuti lilu rigward l-impjieg tieghu [Art 50(h) tal-Kap 234 ; u Art 742B (r) tal-Kap 12]

b) Hemm pretensjoni ghall-konsegwenzi ta` korriment li jkun garrab il-kaptan bl-ghemil negligenti tas-sidien, n-nolleggattur jew l-persuni li kellhom pussess jew kontroll ta' vapur skont l-Art 742B (g) u

c) Hemm pretensjoni minn kaptan ghal infieq li ghamel ghall-vapur jew is-sidien tieghu skont l-Art 742B (s) tal-Kap 12.

Ikompli jissottometti l-attur illi l-*actio in rem* huwa strument procedurali.

Kif ighid il-Professur J.M. Ganado fl-artikolu : "**Jurisdiction and Action by Mortgagees**" (Id-Dritt 1977 pag 62) –

*" the majority of actions in rem are meant for the enforcement of obligations and according to the tranditional classification of actions are infact personal actions"*

Ikompli jinghad illi minkejja li l-procedura *in rem* hija *"a proceeding against a res, the purport of the proceeding is largely perceived as a procedural device by which to coerce a res owner to enter an appearance of an action, as a means of providing security in respect of the claim advanced."*

Fil-kawza **Ganado noe vs Pizzimenti noe**, (op. cit.) il-Qorti ta' l-Appell qalet illi "*kawza in rem ma tistax tirnexxi kontra l-vapur meta s-sid ma jkunx responsabbli ghall-kreditu li jkun qed jigi mitlub."*

Fil-kors tas-smigh tal-kawza, saru diversi allegazzjonijiet dwar min kien is-sid tal-LEBDA.

Ir-rikorrent jikkonferma li mill-informazzjoni li kellu, uiz-zewg bastimenti li hadem fuqhom – JOSAN u LEBDA - kienu proprjeta tas-socjeta ntimata.

Skont ir-rikorrent, Logserv hija l-persuna responsabbli *in personam* ghat-talbiet kollha tieghu.

Isostni dan billi jghid illi d-dokumenti li gew pprezentati m'`ghandhomx jitqiesu bhala sodisfacjenti illi LEBDA huwa propjeta` tal-Istat Libjan.

Ir-rikorrent ifakkar li l-azzjoni *in rem* hija intenzjonata sabiex tistabilixxi gurisdizzjoni kontra l-persuna allegatament responsabbli u ghalhekk kwalunkwe argument dwar immunita statali issa hija invalida ghaliex missha saret *in limine litis.*

Ikompli jghid ir-rikorrenti illi fi kwalunkwe kaz, l-pretensjoni tieghu dwar salarji huwa dak li l-Qrati Inglizi jirreferu ghalih bhala "*a truly action in rem*".

Kienet citata d-decizjoni fil-kawza **The Castlegate** tal-1889, fejn kien inghad illi :-

*"In the case of liens of wages of master and crew, the Legislattur e has recognised the rule that it attaches to ships independently of any personal obligation of the owner, the sole condition required being that such wages shall have been earned on board the ship. But that rule which is founded upon obvious considerations of public policy, constitutes an exception from the general principle of maritime law, which I understand to be taht inasmuch as every proceeding in rem is in substance a procedure against the owner of a ship, a proper maritime owner lien must have its root in his personal liability."*

L-attur jishaq illi din il-gurisprudenza Ingliza tista` tigi applikata korrettament anke fil-kuntest Malti ghaliex dak z-zmien kienu ghadhom japplikaw l-istess atti li japplikaw f'Malta.

L-attur jikkontendi illi l-pretensjoni tieghu mhux biss tirrizulta ppruvata kontra Logserv izda anke kontra LEBDA, irrispettivament min kien is-sid, beneficjarju jew noleggattur bareboat taghha.

**2. <u>Logserv</u>**

Wara li tigbor il-fatti kif tarahom hi, tissottometti li l-fatti kif irrizultaw ma jaqblux ma` dak li nghad fir-rikors guramentat. Minhabba din id-diversita`, Logserv tikkontendi illi ghandu jigi identifikat iz-zmien preciz meta r-rikorrent ippresta s-servizzi tieghu.

Skont is-socjeta` konvenuta, mill-prospett li kien mid-Dwana ta' Malta u mil-lista tal-ekwipagg, jirrizulta illi l-bastiment LEBDA dahal Malta l-ewwel darba fit-3 ta' Settembru 2011. Longden mhux jidher bhala parti mill-ekwipagg. LEBDA hareg minn Malta fit-8 ta' Settembru 2011 u rega` dahal Malta fl-10 ta` Settembru 2011. Anke f`dak il-kaz l-attur ma kienx parti mill-ekwipagg. Skont l-istess dokumenti, l-attur kien parti mill-ekwipagg fil-kaz ta` LEBDA fil-kaz ta` erba` vjaggi biss :- i) mis-16 ta' Settembru 2011 sas-17 ta' Settembru 2011 ; ii) mill-20 ta' Ottubru 2011 sal-1 ta' Novembru 2011 ; iii) mit-3 ta' Dicembru 2011 sas-6 ta' Dicembru 2011 ; u iv) mill-10 ta' Dicembru 2011 sal-25 ta' Dicembru 2011. Wara din l-ahhar data, LEBDA kien arrestat u hekk baqa` sal-lum.

Logserv tikkontendi illi mhux minnu dak mistqarr mill-attur ghaliex ghalkemm l-attur ighid illi hadem fuq LEBDA minn Gunju 2011 sa Marzu 2012, mid-dokumenti ezebiti jirrizulta illi r-rikorrent hadem fuq dak il-vapur bejn Settembru 2011 u Dicembru 2011 ghal erba` vjaggi biss. Ir-rizultat ta` dan huwa li l-hlasijiet dovuti lir-rikorrent huma ghal tlett

xhur u nofs biss (mis-16 ta' Settembru 2011 sal-25 ta' Dicembru 2011) li jammontaw ghal €12,250, bir-rata ta' € 3,500 fix-xahar. Dan l-ammont fil-bicca kbira thallas u baqa` bilanc ta' € 6,000.

Logserv tkompli tghid illi l-Qorti tinsab rinfaccjata b`zewg verzjonijiet in konflitt. Tishaq illi l-provi taghha huma aktar affidabbli ghaliex huma konfortati b`dokumenti ufficjali li jaghmlu parti mill-atti.

Logserv tishaq illi l-verzjoni tal-fatti taghha hija aktar verosimili ghal erbgha ragunijiet – i) ir-rikorrent jghid li hadem fuq EBDA f'Gunju 2011, meta dan lanqas biss kien Malta dik il-habta ; ii) ir-rikorrent ighid li hadem fuq LEBDA minn Jannar 2012 sa' Marzu 2012 meta fil-perijodu msemmi LEBDA kien arrestat ; iii) ir-rikorrent qed jitlob hlas ghal Gunju 2011 meta jirrizulta minn dokumenti esebiti li fil-24 ta' Gunju 2011, kellu intervent mediku ; u iv) r-rikorrent qed jitlob hlas ghal Gunju 2011, meta jirrizulta li mill-15 sat-18 ta' Gunju 2011 kien alloggjat go luknda fl-Eritrea.

Logserv tosserva illi oltre l-paga, l-attur qed jtlob rimbors ta` flus li jallega li hallas : i.e. €1,001 (Sptar St. James) ; € 100 (spejjez ohra) ; € 463.28 (allogg f`lukanda barra). Tikkontendi illi abbazi tal-provi ma rrizultax li l-kura fl-isptar kienet kawza ta' xi debilita li r-rikorrent sofra fil-qadi tad-dmirijiet tieghu lejn Logserv, waqt li ghar-rigward tal-ispejjez l-ohra ma rrizultax li kien hemm il-htiega li r-rikorrent jalloggja go lukanda waqt ix-xoghol tieghu meta jitqies illi post il-kaptan meta jkun xoghol huwa fuq il-bastiment mhux go lukanda.

Abbazi ta` dan kollu, Logserv tishaq illi l-unika pendenza li ghandha mal-attur hija l-hlas tas-somma ta` € 6,000 kif kien eccepit fir-risposta guramentata taghha.

**3. <u>LEBDA</u>**

Wara li tissoferma dwar materji ta` gurisdizzjoni, LEBDA tikkondenti li kien ippruvat illi l-Istat Libjan huwa s-sid ta` LEBDA.

Kien ipprecizat illi LEBDA llum huwa taht is-setgha u kontroll tal-Istat Libjan wara li dan ghamel depozitu fir-registru tal-Qorti tal-ammont ta` €29,879.13 li bih kien rilaxxjat il-LEBDA li baqa` ghat-tiswija ghand Cassar Shipping Repair Limited fejn jinsab.

Dwar il-mertu, jirrizulta li Paul Attard jew Logserv ma kinux is-sidien ta` LEBDA.

Anke abbazi tax-xiehda ta` Attard jirrizukta li LEBDA spicca ghand Attard jew ghand Logserv f'cirkostanzi suspettuzi.

Ikompli jinghad illi ladarba LEBDA ma kienx proprjeta tas-socjeta intimata, l-azzjoni *in rem* fil-konfront tal-bastiment ma jista` jkollha l-ebda bazi fil-fatt u fid-dritt.

LEBDA ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

## IV. <u>Risultanzi</u>

**Tibda billi tirrileva illi fin-nota ta' sottomissjonijiet ta` LEBDA, kienu sollevati materji li jirrigwardaw il-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti.**

**Il-Qorti taghmel bl-iktar mod mod car il-punt illi hija kienet, ghada u tibqa` l-forum li ghandu gurisdizzjoni sabiex jiddeciedi l-kawza tal-lum, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

Il-Qorti tirrileva illi l-kawza tal-lum tittratta talba tal-attur bhala kaptan ta` bastiment sabiex jithallas pagi u spejjez ohra relatati mal-impieg tieghu ma` Logserv.

Issir riferenza ghall-**<u>Art 742B (r) u (s) tal-Kap 12</u>** fejn jinghad hekk :-

*Bla ħsara ta' fejn il-liġi espressament tiddisponi xort'oħra, il-qrati civili f`Malta għandhom ġurisdizzjoni in rem kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi li ġejjin :*

…

*(r) kull pretensjoni mill-kaptan, mill-uffiċjali, jew minn membru tal-ekwipaġġ, jew mill-ekwipaġġ ta' vapur, għas-salarji u flejjes oħra dovuti lilhom rigward l-impjieg tagħhom fuq il-vapur inkluzi l-ispejjeż ta' rimpatrijazzjoni u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jitħallsu*

*f'isimhom ;*

*(s) kull pretensjoni magħmula mill-kaptan, mill-persuna li timbarka l-merkanzija, min-noleġġattur jew mill-aġent rigward infieq magħmul minnhom għall-vapur jew għas-sidien tiegħu ;*

Eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni tal-qorti ghandha titqajjem *in limine litis.*

Fis-sentenza li tat fl-10 ta` Jannar 2007 fuil-kawza : **Adelina Sant vs Emanuel Caruana** : il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk :–

*"Kif saput, skond id-disposizzjonijiet procedurali l-inkompetenza minhabba x-xorta jew il-valur tal-haga, trid tigi eccepita mill-parti jew rilevata ex officio mill-Qorti. Dan fl-ewwel udjenza tat-trattazzjoni. Jikkonsegwi illi jekk ma jsirx dan, dik l-inkompetenza ma tistax titqajjem fil-kors successiv tal-proceduri, specjalment f' qorti fi grad ta' appell. Dan lanqas ex officio (Artikolu 774, Kapitolu 12);"*

Fil-kaz tal-lum, il-bastiment konvenut ma jistax jiddisputa l-gurisdizzjoni tal-qorti fl-istadju tan-nota ta` osservazzjonijiet meta mhux biss naqas milli jaghti l-eccezzjoni *in limine litis* izda bil-komportament processwali tieghu mill-bidu nett accetta u ssotometta ruhu ghall-gurisdizzjoni ta` din il-qorti.

Unikament ghall-fini ta` kompletazza, il-Qorti taghmel referza ghall-Ewwel Artikolu u ghat-Tielet Artikolu tal-**International Convention for the Unification of Certain Rules concerning the Immunity of State-owned Ships 1926** kif ukoll l-**Additional Protocol tal-1934**

**L-Ewwel Artikolu** jghid :-

*"Sea-going ships owned or operated by States, cargoes owned by them, and cargoes and passengers carried on State Owned ships, as well as the states which own or operate such ships and own such cargoes shall be subject, as regards claims in respect of the operation of such ships or in respect of the carriage of such cargoes, to the same rules of liability and the same obligations as those applicable in the case of privately-owned ships, cargoes and equipment."*

**It-Tielet Artikolu** jghid :-

*"The provisions of the two preceding Articles shall not apply to ships of war, State owned yachts, patrol vessels, hospital ships, fleet auxiliaries, supply ships and other vessels owned or operated by a State and employed exclusively at the time when the cause of actions arises on Government and non-commercial service, and such ships shall not be subject to seizure, arrest or detention by any legal process, not to any proceedings in rem."*

Issir ukoll referenza ghal dak li kiteb **Natalino Ronzitti** fil-paragrafu 18.11 tat-Tmien Volum ta`: **The IMLI Manual on International Martime Law** : fejn ighid hekk :-

*"The principle of sovereign immunity is reflected in other sectors of international law. Article 16 of the United Nations Convention on Jurisdictional Immunities of States and their Property 2004 confirm the immunity from jurisdiction of a foreign state in relation to its warships, naval auxiliaries and government vessels (ie 'vessels owned or operated by a State and used, for the time being, only on government non-commercial purposes').*

…

*Note that immunity of State-owned vessels or government vessels is enjoyed as long as they are employed solely for government non-commercial purposes. Otherwise the ordinary rules apply and, for instance, a foreign State-owned vessel may be the object of measures of attachment if it is used for transport of commercial goods."*

Il-LEBDA – anke jekk *jista` jkun* illi kien proprjeta tal-Istat Libjan - ma kienx qed jintuza ghal skopjiet ta' gwerra jew ghal skopijiet mhux kummercjali.Fid-deskrizzjoni tieghu, hemm proprju li kien qed jintuza ghal skopijiet ta' fueling. Ghalhekk ma hemm ebda kwistjoni ta` immunita` gurisdizzjonali.

Dan premess, il-Qorti tghid fir-risposta ulterjuri tieghi, il-bastiment LEBDA eccepixxa illi ma kienx il-legittimu kontradittur tal-attur, stante li ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur, billi l-attur qatt ma kien impjegat mill-bastiment. Ghalhekk jikkontendi illi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Is-socjeta` konvenuta Logserv ipprezentat dokumenti a fol 317 et seq tal-process, mnejn irrizulta li Logserv kienet thallas il-pagi tal-attur.

Mhux kontestat illi l-attur kien impjegat bhala kaptan ma` Logserv u serva maghha f` dik il-kapacita` kemm fuq il-bastiment JOSAN kif ukoll fuq il-LEBDA b`inkariku taghha.

Lanqas mhu kontestat illi ma kienx hemm bejn l-attur u Logserv kuntrat tax-xoghol bil-miktub.

Dwar il-kwistjoni ta` min hu s-sid tal-bastiment LEBDA, hareg mill-provi Dok WL1 illi l-bastiment huwa ta' nazzjonalita Libjana.

Minn taghrif li gie fil-kors tal-gbir tal-provi mir-rapprezentant ta' Transport Malta illi s-sid registrat tal-bastiment LEBDA huwa l-Istat Libjan – Dok V2.

Sussegwentement l-bastiment ipprezenta certifikat li juri li l-bastiment LEBDA huwa proprjeta tal-kumpannija "Al Qaari Fishing Company" li socjeta` tal-Istat Libjan (fol 68 u 69) [ara wkoll dokumenti ohra a fol 71 et seq].

Sinjifikanti hija x-xiehda ta` Paul Attard, direttur ta` Logserv, li jikkonferma li Logserv mhijiex is-sid tal-LEBDA. Jikkontendi li Logserv hija c-*charterer* tal-bastiment. Ighid dan mhux ghax kellu xi *charterparty agreement* mas-sidien (ghalkemm imbaghad jixhed li ma kienx hemm) izda ghaliex ighid li hallas parti mill-prezz tal-akkwist tal-bastiment meta dan dahal Malta, l-akkwist baqa` ma sarx u allura ma kienx hemm *bill of sale,* ghaliex il-prezz intier baqa` ma sarx ; fl-istess waqt il-bastiment baqa` that il-kontroll ta` Logserv. U ghal Attard dak ifisser li kien ghand Logserv b`*charterparty.*

Ghal din il-Qorti d-deposizzjoni ta` Attard mhijiex affidabbli.

Dak li stqarr huwa kontradett min dokumenti li pprezentat is-socjeta` ntimata stess.

Skont dokument a fol 303, jirrizulta li isem s-sid huwa Salah Adden Ghhit. M.

F` dokument iehor a fol 305, fejn hemm t-trasferiment fi flus ta' € 951, jirrizulta li dan sar lejn l-Egittu u li l-persuna indikata li kien se

jircievi dawn l-flus kien Salaheddine Ghatteal Kontri. Fid-dokument mhux indikat ghalfejn sar il-hlas.

Mhuwiex ippruvat li Logserv kienet is-sid jew ic-*charterer* ta` LEBDA.

Lanqas ma jirrizulta b`liema titolu l-istess bastiment kien that il-kontroll effettiv taghha.

**Dak li certament irrizulta huwa bejn is-sid legittimu ta` LEBDA u l-attur ma kienx hemm relazzjoni guridika ta` ebda xorta.**

**Dwar dan il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju.**

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet kollha tal-bastiment LEBDA kif dedotti fir-risposta ulterjuri tal-istess bastiment, u tillibera lill-bastiment LEBDA mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Dan premess, ladarba rrizulta li r-relazzjoni ta` impjieg tal-attur bhala kaptan kien mal-konvenuta Logserv, il-Qorti sejra tqis il-provi li tressqu dwar l-ammont pretiz mill-attur.**

**Bejn il-posizzjoni taz-zewg nahat hemm bahar jaqsam dwar x`huwa dovut lill-attur.**

Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **<u>Xuereb et vs Gauci et</u>** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri ttrattat il-konflitt ta` provi fil-kamp civili billi qalet hekk –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

(ara wkoll : "**<u>Bugeja vs Meilak</u>**" – **<u>PA/TM</u>** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**<u>Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa</u>**" – **<u>PA/PS</u>** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**<u>Farrugia vs Farrugia</u>**" – **<u>PA/CC</u>** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**<u>Ciantar vs Curmi noe</u>**" kien precizat hekk –

*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "**<u>Camilleri vs Borg</u>**" – **<u>Appell Civili</u>** – 17 ta` Marzu 2003 ; "**<u>Zammit vs Petrococchino</u>**" – **<u>Appell Kummercjali</u>** – 25 ta` Frar 1952 ; "**<u>Vassallo vs Pace</u>**" – **<u>Appell Civili</u>** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**<u>Chef Choice Limited vs Raymond Galea et</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk :-

*… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment*

*kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju. Iżda f'każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*... Iżda dak li jgħodd f'kawża m'huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

Dan premess, il-pretensjoni tal-attur hija fl-ammont komplessiv ta` €29,564.28 in kwantu ghal €28,000) bhala hlas ta` tmien (8) xhur salarju bir-rata ta` €3,500 kull xahar ghal prestazzjonijiet bhala kaptan fuq il-bastiment LEBDA b`inkariku ta` Logserv, u in kwantu ghal €1,564.28 bhala rifuzjoni ta` spejjez li nkorra in konnessjoni waqt xoghol li kien qed isir fl-Eritrea.

Logserv tilqa` ghal din il-pretensjoni billi tghid illi l-unika pendenza salarjali li ghandha mal-attur hija fl-ammont ta` €6,000 li taccetta li huwa dovut lill-attur.

Tajjeb jinghad illi fl-ewwel affidavit tieghu a fol 24, l-attur fisser il-pretensjoni tieghu billi stqarr illibhala salarji huwa kien baqa` ma kienx thallas ghaz-zmien ta` bejn l-1 ta' Gunju 2011 u l-25 ta' Dicembru 2011 u ghaz-zmien ta` bejn is-26 ta' Dicembru 2011 u l-14 ta' Marzu 2012. Matul dan l-ahhar zmien il-LEBDA kien ibbazat Malta.

Ir-rappresentant ta` Transport Malta pprezenta bhala prova email li turi c-caqlieq tal-LEBDA.

Jirrizulta **<u>b`mod ufficjali</u>** illi LEBDA :-

Wasal Malta fit-3 ta' Settembru 2011 u telaq fit-8 ta' Settembru 2011.

Wasal lura Malta fl-10 ta' Settembru 2011 u rega` telaq fit-16 ta' Settembru 2011.

Wasal lura Malta fit-17 ta' Settembru 2011 u rega` salpa fl-20 ta' Ottubru 2011.

Kien lura Malta fl-1 ta' Novembru 2011 u telaq minn Malta fit-3 ta' Dicembru 2011.

Kien lura Malta fis-6 ta` Dicembru 2011 u salpa fl-10 ta` Dicembru 2011.

Wasal lura Malta fil-25 ta` Dicembru 2011 u baqa` Malta.

Kienu esebiti l-listi ta' l-ekwipagg (fol 203 et seq) waqt il-vjaggi.

Jirrizulta li l-attur kien abbord fil-vjagg li telaq fis-16 ta` Settembru 2011 u li wasal lura Malta fis-17 ta' Settembru 2011 ; fil-vjagg ta` bejn l-20 ta' Ottubru 2011 u 1 ta' Novembru 2011 ; fil-vjagg ta` bejn it-3 ta' Dicembru 2011 u s-6 ta' Dicembru 2011 ; u l-ahhar vjagg ta` bejn l-10 ta' Dicembru u l-25 ta' Dicembru 2011 : b`kollox erbgha (4) vjaggi fuq il-bastiment LEBDA.

Skont dak li xehed Paul Attard, jirrizulta illi l-ewwel darba li l-bastiment LEBDA dahal Malta kien fit-3 ta' Settembru 2011. Qabel dakinhar l-attur ma kienx impjegat bhala kaptan fuq dak l-bastiment.

Skond l-accountant tal-kumpannija Logserv, jirrizulta li l-paga tal-kaptan kienet ta` €3,500 fix-xahar. L-attur thallas minn Dicembru 2010 sa Mejju 2011 u li wara kien hemm biss pagament wiehed f` Awissu 2001. F`dan il-perijodu l-attur kien il-kaptan tal-bastiment JOSAN.

Min-naha taghha Josette Zammit mill-kumpannija Logserv xehdet illi l-attur kien impjegat ghal zmien definit. Qalet ukoll illi l-hlas tieghu ta` kull xahar ma kienx jiddependi min-numru ta' vjaggi li kien jaghmel fuq bastiment.

Zammit ipprezentat il-vjaggi li ghamel ir-rikorrent. Xehdet illi fil-25 ta' Dicembru 2011, ir-rikorrent kien infurmat li l-impjieg tieghu kien gie terminat. Cio` nonostante ma tirrizulta l-ebda *letter of termination* jew tal-inqas xi prova ohra dokumentarja li tixhed illi tmien l-impieg tal-attur sehh fil-25 ta' Dicembru 2011.

Minn dak l-assjem ta` provi, fatti u cirkostanzi, li bhala assjem ilkoll ghandhom il-piz taghhom, il-Qorti tikkonkludi illi effettivament kien ippruvat li l-attur kien impjegat bhala kaptan ma` Logserv bil-paga ta` €3,500 fix-xahar, liema hlas kien fiss u ma kienx jiddependi minn jekk kienux isiru vjaggi jew le.

Jirrizulta ppruvat illi l-ahhar hlas illi sar lir-rikorrent kien Awissu 2011 u li huwa ma thallasx ghal Gunju 2011, u ghal perijodu ta` bejn

Settembru 2011 u l-14 ta' marzu 2012, meta hareg l-mandat ta' arrest fil-konfront tal-bastiment LEBDA.

**Ghalhekk dak li huwa dovut lir-rikorrent hija l-paga ghal sitt (6) xhur u nofs li tammonta ghal tnejn u ghoxrin elf sebgha mija u hamsin euro (€ 22,750).**

**Accertat dan, il-Qorti sejra tqis il-bqija tal-pretensjoni tal-attur, li tirrigwarda rimbors ta` spejjez sborsati mill-attur.**

Dawn l-ispejjez huma relatati maz-zmien meta l-attur kien qed jippresta servizz fuq il-bastiment JOSAN b`inkariku ta` Logserv.

L-ispejjez jinkludu l-ispejjez ghall-allogg go lukanda gewwa Asmara fl-Eritrea ghall-ammont ta` €422.37 ; il-hlas sar bil-US$ skont il-kambju mal-€ fl-2011.

Spejjez ohra – li taghhom ma tirrizultax spjegazzjoni li taghmel sens – huma ta` €100.

Il-bqija jkopru sepjjez ta` nattur a medika fl-ammont ta` €1,001.

Anke dan premess, il-Qorti tirreferi ghall-**<u>Art 742B (g) u (s) tal-Kap 12</u>** fejn jinghad hekk :–

*Bla ħsara ta' fejn il-liġi espressament tiddisponi xort'oħra, il-qrati ċivili f'Malta għandhom ġurisdizzjoni in rem kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi li ġejjin :-*

…

*(g) kull pretensjoni għal telf ta' ħajja jew korriment tal- persuna magħmulin, kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar, minn vapur jew li jiġru f'konnessjoni mat-tħaddim ta' xi vapur jew li jiġu sofferti bħala konsegwenza ta' xi difett f'vapur jew fit-tagħmir jew apparat tiegħu jew bħala konsegwenza ta' xi għemil ħażin, negliġenza jew ommissjoni ta' –*

*(i) is-sidien, in-noleġġattur i jew il-persuni li jkollhom il-pussess jew il-kontroll ta' vapur; jew*

*(ii) il-kaptan jew l-ekwipaġġ ta' vapur, jew kull persuna oħra li s-sidien, in-noleġġattur i jew il- persuni li jkollhom il-pussess jew il-kontroll ta' vapur huma responsabbli għall-għemil ħażin, negliġenza jew ommissjoni ta' dik il-persuna,*

*li jkun għemil, att ta' negliġenza jew ommissjoni fin- navigazzjoni jew immaniġġar tal-vapur, fit-tagħbija, ġarr jew ħatt ta' merkanzija, fi jew mill-vapur, jew fl- imbark, ġarr jew żbark ta' persuni fuq, fi jew mill-vapur*

…

*(s) kull pretensjoni magħmula mill-kaptan, mill-persuna li timbarka l-merkanzija, min-noleġġattur jew mill-aġent rigward infieq magħmul minnhom għall-vapur jew għas-sidien tiegħu ;*

**Ir-raguni li jaghti l-attur ghal dawn l-ispejjez kienet xotta ghall-ahhar.**

L-attur jixhed illi meta kien l-Eritrea huwa marad u kellu bzonn imur l-isptar. Ma pprezentax kont tal-isptar fl-Eritrea.

Ighid li meta kien l-Eritrea kellu jalloggja go lukanda. Ghaliex ghamel dan ma jfissirx. Skont Paul Attard, l-attur ma kellux ghalfejn imur go lukanda ghaliex l-allogg tal-kaptan huwa l-bastiment. U ma rrizulta xejn ippruvat li kien izomm lill-attur milli joqghod fuq il-bastiment.

Ighid illi meta kien lura Malta mar ghal kura l-Isptar St James. Il-Qorti tistaqsi ghaliex sptar privat mhux sptar pubbliku ? Twegiba : xejn.

Apparti l-kwesiti legittimi kollha riferiti, il-Qorti tibqa` bla prova ghala sar dan kollu u fejn kellha x`taqsam il-presenza ta` l-attur fl-Asmara bhala kaptan mal-fatt li kellu bzonn ta` kura medika u allogg go lukanda.

Prova ta` dan – xejn !

**Il-Qorti ma tistax takkorda r-rimbors ta` dawn l-ispejjez fl-assenza ta` prova sal-grad rikjest mil-ligi.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet attrici billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet kollha tal-bastiment konvenut LEBDA kif dedotti fir-risposta ulterjuri tal-istess konvenut. Tillibera l-bastiment konvenut LEBDA mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tichad l-eccezzjonijiet kif dedotti tal-konvenuta Logserv Co. Ltd.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) talba attrici stante li din kienet irtirata fil-mori tal-kawza.**

**Tipprovdi dwar it-tieni (2) talba tal-attur billi tiddikjara illi l-konvenuta Logserv Co. Ltd. hija debitrici tal-attur fl-ammont ta` tnejn u ghoxrin elf seba` mija u hamsin Ewro u hamsin centezmu (€22,750) skont kif fuq inghad.**

**Tipprovdi dwar it-tielet (3) talba tal-attur billi tikkundanna lill-konvenuta Logserv Co. Ltd. sabiex thallas lill-attur is-somma ta` tnejn u ghoxrin elf seba` mija u hamsin Ewro u hamsin centezmu (€22,750) skont kif fuq inghad, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tipprovdi dwar ir-raba` (4) talba billi tikkundanna lill-konvenuta Logserv Co. Ltd. sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-Mandat Nru. 340/12 GC).**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**